Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1388/2014

tas-16 ta' Diċembru 2014

li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(ĠU L 369, 24.12.2014, p. 37)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020	L 414	15	9.12.2020

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1388/2014

tas-16 ta' Diċembru 2014

li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-għajnuna mogħtija lill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal għajnuna mogħtija lill-impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura biex tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali skont l-Artikolu 44, ikun x'ikun id-daqs tal-benefiċjarju tal-għajnuna.

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:

(a) għajnuna li l-ammont tagħha jiġi ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mqiegħda fis-suq;

(b) għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u t-tħaddim ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew ma' spejjeż oħra kurrenti marbutin mal-attività tal-esportazzjoni;

(c) għajnuna li tiddependi mill-użu ta' prodotti domestiċi minflok dawk importati;

▼M1

(d) għajnuna mogħtija lil impriżi f'diffikultà, bl-eċċezzjoni ta' għajnuna li tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali u għajnuna lil impriżi li ma kinux jinsabu f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019 iżda kienu jinsabu f'diffikultà fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021;

▼B

(e) skemi tal-għajnuna li ma jeskludux espliċitament il-ħlas tal-għajnuna individwali favur impriża li tkun soġġetta għal ordni pendenti ta' rkupru wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna bħala illegali u inkompatibbli mas-suq intern, bl-eċċezzjoni ta' skemi tal-għajnuna li jagħmlu tajjeb għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali;

(f) għajnuna *ad hoc* favur impriża msemmija fil-punt (e);

▼B

(g) għajnuna mogħtija għal operazzjonijiet li kieku kienu jkunu eliġibbli għal appoġġ skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014:

(h) għajnuna mogħtija lil impriżi li ma jistgħux japplikaw għal appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd abbażi tal-Artikolu 10(1)-(3) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

4. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat li minnhom infushom, mill-kundizzjonijiet marbutin magħhom jew mill-metodu ta' finanzjament tagħhom jinvolvu ksur inseparabbli tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari:

(a) għajnuna fejn l-għoti tal-għajnuna huwa soġġett għall-obbligu li l-benefiċjarju jkollu l-kwartieri ġenerali tiegħu fl-Istat Membru rilevanti jew li huwa jkun stabbilit b'mod predominanti f'dak l-Istat Membru. Madankollu, ir-rekwiżit li wieħed ikollu sede jew fergħa fl-Istat Membru li jagħti l-għajnuna fil-mument tal-ħlas tal-għajnuna huwa permess;

(b) għajnuna fejn l-għoti tal-għajnuna huwa soġġett għall-obbligu li l-benefiċjarju juża oġġetti prodotti nazzjonalment jew servizzi nazzjonali;

(c) għajnuna li tillimita l-possibbiltà li l-benefiċjarji jisfruttaw ir-riżultati tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni fi Stati Membri oħrajn.

Artikolu 2

Limitu ta' notifika

1. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-għajnuna għal kwalunkwe proġett bi spejjeż eliġibbli ta' aktar minn EUR 2 miljun, jew fejn l-ammont tal-għajnuna jaqbeż il-miljun Euro għal kull benfiċjarju għal kull sena.

2. Il-limiti stabbiliti fil-Paragrafu 1 ma għandhomx jiġu evitati bil-qsim artifiċjali tal-iskemi tal-għajnuna jew tal-proġetti tal-għajnuna.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "għajnuna" tfisser kull miżura li tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat;

(2) "impriżi żgħar u ta' daqs medju" jew "SMEs" tfisser impriżi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness I;

(3) "prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura" tfisser il-prodotti ddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 ([1]);

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

▼B

(4) “diżastri naturali” tfisser terremoti, valangi, uqigħ tal-art u għargħar, trombi tal-arja, uragani, eruzzjonijiet vulkaniċi u nirien filforesti ta' oriġini naturali;

(5) “impriża f'diffikultà” tfisser impriża li fir-rigward tagħha tinqala' mill-inqas waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (għajr SME li ilha teżisti anqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun għeb minħabba telf akkumulat. Dan hu l-każ meta t-tnaqqis tat-telf akkumulat mir-riżervi (u l-elementi l-oħra kollha ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv negattiv li jaqbeż nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, “kumpanija b'responsabbiltà limitata” tirreferi b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u l-“kapital azzjonarju” jinkludi, fejn ikun rilevanti, kwalunkwe primjum fuq l-azzjonijiet;

(b) fil-każ ta' kumpanija li fiha mill-inqas xi membri għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija (għajr SME li ilha teżisti anqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun għeb minħabba telf akkumulat. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, “kumpanija li fiha mill-inqas xi membri għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija” tirreferi, b'mod partikolari, għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE;

(c) meta l-intrapriża tkun suġġetta għal proċedimenti kollettivi ta' insolvenza jew tkun tissodisfa l-kriterji skont il-liġi domestika tagħha biex jinbdew proċedimenti kollettivi ta' insolvenza kontriha fuq talba tal-krediturі tagħha;

(d) meta l-intrapriża tkun irċeviet għajnuna għas-salvataġġ u tkun għadha ma rrimborżatx is-self jew ma temmitx il-garanzija, jew tkun irċeviet għajnuna għar-ristrutturar u jkun għadha soġġetta għal pjan ta' ristrutturar;

(6) “għajnuna *ad hoc*” tfisser għajnuna mhux mogħtija abbażi ta' skema tal-għajnuna;

(7) “skema tal-għajnuna” tfisser kull att li abbażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri oħra ta' implimentazzjoni, jistgħu jsiru għotjiet ta' għajnuna individwali lil intrapriżi li fl-att ikunu ddefiniti b'mod ġenerali u astratt, u kull att li abbażi tiegħu tista' tingħata għajnuna li mhijiex marbuta ma' proġett speċifiku lil intrapriża waħda jew lil diversi intrapriżi għal perjodu ta' żmien indefinit u/jew f'ammont indefinit;

(8) “għajnuna individwali” tfisser:

([1]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

▼B

(a) għajnuna *ad hoc*; u

(b) għotjiet ta' għajnuna lil benefiċjarji individwali abbażi ta' skema tal-għajnuna;

(9) "ammont ekwivalenti għall-għotja grossa" tfisser l-ammont tal-għajnuna li kieku din tkun ingħatat fil-forma ta' għotja lill-benefiċjarju, qabel ma titnaqqas kwalunkwe taxxa jew imposta oħra minnha;

(10) "ħlas bil-quddiem li jitħallas lura" tfisser self għal proġett li jitħallas bi ħlas parzjali wieħed jew iktar u li l-kundizzjonijiet għar-rimborż tiegħu jiddependu mill-eżitu tal-proġett;

(11) "bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-investiment, jew l-ewwel impenn legalment vinkolanti għall-ordni tat-tagħmir jew kwalunkwe impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibbli, skont liema minnhom jiġi l-ewwel. Ix-xiri tal-art u x-xogħlijiet preparatorji, bħall-kisba tal-permessi u t-twettiq ta' studji tal-fattibbiltà, mhumiex meqjusa bħala l-bidu tax-xogħlijiet. Għall-akkwiżizzjonijiet, il-"bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-mument li fih jiġu akkwistati assi marbuta direttament mal-istabbiliment akkwistat;

(12) "skema fiskali suċċessiva" tfisser skema fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa li tikkostitwixxi verżjoni emendata ta' skema li kienet teżisti qabel fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, u li tissostitwiha;

(13) "intensità tal-għajnuna" tfisser l-ammont gross tal-għajnuna mogħti bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli, qabel ma titnaqqas kwalunkwe taxxa jew imposta oħra minnu;

(14) "data tal-għoti tal-għajnuna" tfisser id-data li fiha l-benefiċjarju jingħata d-dritt legali li jirċievi l-għajnuna skont l-iskema legali nazzjonali applikabbli.

Artikolu 4

Kundizzjonijiet għall-eżenzjoni

1. L-iskemi tal-għajnuna, l-għajnuna individwali mogħtija skont l-iskemi tal-għajnuna u l-għajnuna *ad hoc* għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(2) jew (3) tat-Trattat u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm din l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament, kif ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-kategorija rilevanti tal-għajnuna stipulati fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

2. Il-miżuri tal-għajnuna għandhom ikunu eżentati skont dan ir-Regolament biss jekk jipprevedu espliċitament li, matul il-perjodu tal-għotja, il-benefiċjarji tal-għajnuna għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u li, jekk matul dak il-perjodu jinstab li l-benefiċjarju ma jikkonformax mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, l-għajnuna għandha titħallas lura skont il-gravità tal-ksur.

▼B

Artikolu 5

It-trasparenza tal-għajnuna

1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-għajnuna li għaliha jista' jiġi kkalkulat b'mod preċiż l-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tal-għajnuna *ex ante* mingħajr il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tar-riskju ("l-għajnuna trasparenti").

2. Il-kategoriji tal-għajnuna li ġejjin jitqiesu bħala għajnuna trasparenti:

(a) l-għajnuna mogħtija bħala għotjiet u sussidji tar-rati tal-imgħax;

(b) l-għajnuna mogħtija bħala self fejn l-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa jkun ġie kkalkulat abbażi tar-rata ta' referenza prevalenti fiż-żmien tal-għotja;

(c) l-għajnuna mogħtija bħala garanziji:

(i) meta l-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa jkun ġie kkalkulat abbażi ta' primjums fil-limitu ta' eżenzjoni stabbiliti f'avviż tal-Kummissjoni; jew

(ii) meta qabel l-implimentazzjoni tal-miżura, il-metodoloġija biex jiġi kkalkulat l-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tal-garanzija tkun ġiet aċċettata abbażi tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji ([1]), jew abbażi ta' kull avviż suċċessiv ieħor, wara li din il-metodoloġija tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni skont kull regolament adottat mill-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat applikabbli dak iż-żmien, u l-metodoloġija approvata tkun tindirizza espliċitament it-tip ta' garanzija u t-tip ta' tranżazzjoni sottostanti kkonċernata fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(d) l-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, meta l-miżura tipprovdi għal limitu biex jiġi żgurat li l-limitu applikabbli ma jinqabiżx;

(e) l-għajnuna fil-forma ta' pagamenti bil-quddiem li jitħallsu lura, jekk l-ammont nominali totali tal-pagament bil-quddiem li jitħallas lura ma jaqbiżx il-limiti applikabbli skont dan ir-Regolament jew jekk, qabel ma tiġi implimentata l-miżura, il-metodoloġija biex jiġi kkalkulat l-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tal-pagament bil-quddiem li jitħallas lura tkun ġiet aċċettata wara n-notifika tagħha lill-Kummissjoni.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala għajnuna trasparenti:

(a) l-għajnuna mogħtija bħala injezzjonijiet tal-kapital;

(b) l-għajnuna mogħtija bħala miżuri ta' finanzjament ta' riskju.

Artikolu 6

Effett ta' inċentiv

1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-għajnuna li sservi ta' inċentiv.

([1]) ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10.

▼B

2. L-għajnuna tiġi kkunsidrata li sservi ta' inċentiv jekk il-benefiċjarju jkun ippreżenta applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna lill-Istat Membru kkonċernat qabel ma jkun inbeda x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività. L-applikazzjoni għall-għajnuna għandu jkun fiha tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u d-daqs tal-intrapriża;

(b) deskrizzjoni tal-proġett jew tal-attività, inklużi d-dati tal-bidu u t-tmiem tagħhom;

(c) il-post tal-proġett jew tal-attività;

(d) lista tal-ispejjeż eliġibbli;

(e) it-tip ta' għajnuna (għotja, self, garanzija, self bil-quddiem li jitħallas lura jew għajnuna oħra) u l-ammont ta' finanzjament pubbliku meħtieġ għall-proġett jew għall-attività.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-miżuri fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa jitqiesu li għandhom effett ta' inċentiv jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-miżura tistabbilixxi d-dritt għall-għajnuna skont kriterji oġġettivi u mingħajr eżerċizzju ulterjuri ta' diskrezzjoni min-naħa tal-Istat Membru; u

(b) il-miżura tkun ġiet adottata u tkun daħħlet fis-seħħ qabel ma x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività megħjuna jkun inbeda, ħlief fil-każ ta' skemi fiskali suċċessivi, fejn l-attività tkun diġà ġiet koperta mill-iskemi preċedenti fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa.

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, il-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin mhumiex meħtieġa li jkollhom effett ta' inċentiv jew jitqiesu li għandhom effett ta' inċentiv:

(a) għajnuna li tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 44;

(b) għajnuna fil-forma ta' eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 15(1)(f) u l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2003/96/KE, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 45 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

L-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u tal-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew imposta oħra. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu appoġġati minn provi dokumentarji li għandhom ikunu ċari, speċifiċi u kontemporanji.

▼B

2. Fejn l-għajnuna tingħata f'forma oħra minbarra fil-forma t'għotja, l-ammont tal-għajnuna għandu jkun l-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tal-għajnuna.

3. L-għajnuna pagabbli f'diversi ħlasijiet parzjali għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fid-data tal-għoti tal-għajnuna. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jiġu skontati għall-valur tagħhom fid-data tal-għoti tal-għajnuna. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għall-finijiet tal-iskontar għandha tkun ir-rata tal-iskont applikabbli fid-data tal-għoti tal-għajnuna.

4. Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, l-iskontar tal-ħlasijiet parzjali tal-għajnuna għandu jsir abbażi tar-rati tal-iskont applikabbli fid-diversi dati meta jidħol fis-seħħ il-benefiċċju tat-taxxa.

5. Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' ħlasijiet bil-quddiem li jitħallsu lura li, fin-nuqqas ta' metodoloġija aċċettata biex jiġi kkalkulat l-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tagħhom, jingħataw bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli, u l-miżura tipprevedi li fil-każ li l-proġett ikun ta' suċċess, kif iddefinit fuq il-bażi ta' ipoteżi raġonevoli u prudenti, il-ħlasijiet bil-quddiem għandhom jitħallsu lura b'rata tal-imgħax li tkun mill-anqas daqs ir-rata tal-iskont applikabbli fid-data tal-għoti tal-għotja, l-intensità massima tal-għajnuna stipulata fil-Kapitolu III tista' tiżdied b'10 punti perċentwali.

6. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti mogħtija fl-Artikoli 67 sa 69 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Artikolu 8

Akkumulazzjoni

1. Huwa u jiġi stabbilit jekk il-limiti ta' notifika stabbiliti fl-Artikolu 2 u l-intensità massima tal-għajnuna mogħtija fil-Kapitolu III ġewx irrispettati, l-ammont totali tal-miżuri ta' appoġġ pubbliku għall-attività jew il-proġett megħjun għandu jiġi kkunsidrat, irrispettivament minn jekk dak l-appoġġ ikunx ġie ffinanzjat minn sorsi lokali, reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni.

2. L-għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament tista' tiġi akkumulata ma':

(a) kull għajnuna oħra mill-Istat, dejjem jekk dawk il-miżuri jkunu jikkonċernaw spejjeż eliġibbli identifikabbli differenti,

(b) kull għajnuna oħra mill-Istat, fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli, li jikkoinċidu parzjalment jew għal kollox, biss jekk it-tali akkumulazzjoni ma tirriżultax f'ammont li jaqbeż l-ogħla intensità tal-għajnuna jew l-ogħla ammont ta' għajnuna applikabbli għal din l-għajnuna skont dan ir-Regolament.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

▼B

3. L-għajnuna mill-Istat eżentata skont dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi akkumulata ma' kwalunkwe għajnuna *de minimis* għall-istess spejjeż eliġibbli jekk it-tali akkumulazzjoni tirriżulta f'intensità tal-għajnuna li taqbeż dik imsemmija fil-Kapitolu III.

Artikolu 9

Pubblikazzjoni u informazzjoni

1. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni li ġejja fuq websajt komprensiva dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-livell nazzjonali jew reġjonali:

(a) l-informazzjoni fil-qosor imsemmija fl-Artikolu 11 fil-format standardizzat stabbilit fl-Anness II jew ħolqa li tipprovdi aċċess għaliha;

(b) it-test sħiħ ta' kull miżura tal-għajnuna, kif imsemmi fl-Artikolu 11, jew ħolqa li tipprovdi aċċess għat-test sħiħ;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Anness III dwar kull għotja talgħajnuna individwali li taqbeż it-30 000 Euro.

2. Għall-iskemi fil-forma ta' benefiċċji tat-taxxa, għandu jitqies li jkunu ntlaħqu il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c) jekk l-Istati Membri jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa dwar l-ammonti talgħajnuna individwali fil-firxiet li ġejjin (f'miljuni ta' Euro):

(a) 0,03 sa 0,2;

(b) 0,2 sa 0,4;

(c) 0,4 sa 0,6;

(d) 0,6 sa 0,8;

(e) 0,8 sa 1.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(c) għandha tkun organizzata u tkun aċċessibbli b'mod standardizzat, kif deskritt fl-Anness III, u għandha tippermetti li jkun hemm funzjonijiet effettivi ta' tiftix u tniżżil tagħha. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppubblikata fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna jew, għall-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, fi żmien sena mid-data meta trid tintbagħat id-dikjarazzjoni tat-taxxa, u għandha tkun disponibbli għal mill-inqas 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna.

4. Kull skema tal-għajnuna u għajnuna individwali għandu jkun fihom referenza espliċita għal dan ir-Regolament, billi jiġi kkwotat it-titolu tiegħu u tingħata r-referenza tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u referenza espliċita għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Kapitolu III li huma konċernati b'dak l-att jew, fejn ikun applikabbli, għal-liġi nazzjonali li tiżgura li hemm konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament. Huma għandu jkollhom magħhom ukoll id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħhom u l-emendi tgħhom.

▼B

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq il-websajt tagħha:

(a) il-ħoloq għall-websajts dwar l-għajnuna mill-Istat imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) l-informazzjoni fil-qosor imsemmija fl-Artikolu 11.

6. L-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu sa sentejn wara li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

MONITORAĠĠ

Artikolu 10

Irtirar tal-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija

Meta Stat Membru jagħti għajnuna li hija allegatament eżentata mir-rekwiżit ta' notifika skont dan ir-Regolament mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli I, II u III, il-Kummissjoni tista', wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jispjega fehemtu, tadotta deċiżjoni li tiddikjara li l-miżuri tal-għajnuna futuri kollha jew xi whud minnhom, adottati mill-Istat Membru kkonċernat li kieku jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Il-miżuri li għandhom jiġu nnotifikati jistgħu jkunu limitati għal miżuri li jagħtu ċerti tipi ta' għajnuna jew favur ċerti benefiċjarji jew adottati minn ċerti awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 11

Rappurtar

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni:

(a) permezz tas-sistema elettronika ta' notifika tal-Kummissjoni, l-informazzjoni fil-qosor dwar kull miżura ta' għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament, fil-format standardizzat stabbilit fl-Anness II, flimkien ma' ħolqa li tipprovdi aċċess għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna, inklużi l-emendi tagħha, fi żmien 20 jum tax-xogħol mid-dħul fis-seħħ tagħha;

(b) rapport annwali, kif imsemmi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([1]), f'forma elettronika, dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jkun fih l-informazzjoni indikata fir-Regolament (KE) Nru 794/2004, għal kull sena sħiħa jew għal kull parti tas-sena li matulha japplika dan ir-Regolament.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

▼M1

Artikolu 11a

Deroga mir-rekwiżiti ta' informazzjoni u pubblikazzjoni

B'deroga mill-Artikolu 9(5) u l-Artikolu 11, il-punt (a), fejn Stat Membru jkun jixtieq itawwal il-miżuri li fir-rigward tagħhom ġiet sottomessa informazzjoni fil-qosor lill-Kummissjoni, informazzjoni fil-qosor fir-rigward tal-estensjoni ta' dawk il-miżuri għandha titqies li ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni u ppubblikata, sakemm ma ssir ebda emenda sostantiva oħra lill-miżuri kkonċernati ħlief żieda fil-baġit.

▼B

Artikolu 12

Monitoraġġ

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-għajnuna eżentata minnotifika skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom iżommu rekords iddettaljati bl-informazzjoni u bid-dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa biex jistabbilixxu li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawn ir-rekords għandhom jinżammu għal 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna *ad hoc* jew li fiha tkun ingħatat l-aħħar għajnuna skont l-iskema. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, fi żmien 20 jum taxxogħol jew fi żmien perjodu itwal, skont hekk kif ikun stabbilit fittalba, l-informazzjoni kollha u d-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha li l-Kummissjoni tqis li hija neċessarja biex timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL KATEGORIJI DIFFERENTI TAL-GĦAJNUNA

TAQSIMA 1

Żvilupp sostenibbli tas-sajd

Artikolu 13

Għajnuna għall-innovazzjoni

L-għajnuna għall-innovazzjoni fil-qasam tas-sajd li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

▼B

Artikolu 14

Għajnuna għas-servizzi ta' konsulenza

L-għajnuna għas-servizzi ta' konsulenza li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 15

Għajnuna għas-sħubiji bejn ix-xjenzjati u s-sajjieda

L-għajnuna għas-sħubiji bejn ix-xjenzjati u s-sajjieda li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 16

Għajnuna għall-promozzjoni tal-kapital uman, tal-ħolqien tal-impjiegi u tad-djalogu soċjali

L-għajnuna għall-promozzjoni tal-kapital uman, tal-ħolqien tal-impjiegi u tad-djalogu soċjali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

▼B

Artikolu 17

Għajnuna għall-iffaċilitar tad-diversifikazzjoni u ta' forom ġodda ta' introjtu

L-għajnuna għall-iffaċilitar tad-diversifikazzjoni u ta' forom ġodda ta' introjtu li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 18

Għajnuna għall-appoġġ tal-bidu għas-sajjieda żgħażagħ

L-għajnuna għall-appoġġ tal-bidu għas-sajjieda żgħażagħ li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 19

Għajnuna għat-titjib tas-saħħa u s-sikurezza

L-għajnuna għat-titjib tas-saħħa u s-sikurezza li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u l-kundizzjonijiet tal-atti delegati adottati mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 32 (4) ta' dak ir-Regolament; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

▼B

Artikolu 20

Għajnuna għall-fondi reċiproki għal avvenimenti klimatiċi ħżiena u għal inċidenti ambjentali

L-għajnuna għall-fondi reċiproki għal avvenimenti klimatiċi ħżiena u għal inċidenti ambjentali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 21

Għajnuna ta' appoġġ għas-sistemi għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd

L-għajnuna ta' appoġġ għas-sistemi għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 22

Għajnuna ta' appoġġ għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u tal-kooperazzjoni reġjonali

L-għajnuna ta' appoġġ għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u tal-kooperazzjoni reġjonali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

▼B

Artikolu 23

Għajnuna biex jiġi limitat l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar u biex is-sajd jiġi adattat għall-protezzjoni tal-ispeċi

L-għajnuna biex jiġi limitat l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar u biex is-sajd jiġi adattat għall-protezzjoni tal-ispeċi li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 24

Għajnuna għall-innovazzjoni marbuta mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar

L-għajnuna għall-innovazzjoni marbuta mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 25

Għajnuna għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistema tal-baħar u għar-reġimi ta' kumpens fil-qafas ta' attivitajiet tas-sajd sostenibbli

L-għajnuna għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar u għar-reġimi ta' kumpens fil-qafas ta' attivitajiet tas-sajd sostenibbli li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u l-kundizzjonijiet tal-atti delegati adottati abbażi tal-Artikolu 40(4) ta' dak ir-Regolament; u

▼B

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 26

Għajnuna għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u biex jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima

L-għajnuna għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u biex jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I, ħlief għall-għajnuna biex jinbidlu l-magni jew biex dawn jiġu mmodernizzati, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u l-kundizzjonijiet tal-atti delegati adottati abbażi tal-Artikolu 41(10) ta' dak ir-Regolament; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 27

Għajnuna għall-valur miżjud, għall-kwalità tal-prodotti u għall-użu tal-qabdiet mhux mixtieqa

L-għajnuna għall-valur miżjud, għall-kwalità tal-prodotti u għall-użu tal-qabdiet mhux mixtieqa li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 28

Għajnuna għall-portijiet tas-sajd, għall-postijiet fejn jinħattu l-prodotti l-art, għas-swali tal-irkant u għall-postijiet għall-kenn

L-għajnuna għall-portijiet tas-sajd, għall-postijiet fejn jinħattu l-prodotti l-art, għas-swali tal-irkant u għall-postijiet għall-kenn li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

▼B

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 29

Għajnuna għas-sajd fl-ilmijiet interni u għall-fawna u l-flora akkwatiċi interni

L-għajnuna għas-sajd fl-ilmijiet interni u għall-fawna u l-flora akkwatiċi interni li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25(1) u (2) u tal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

TAQSIMA 2

Żvilupp sostenibbli tal-akkwakultura

Artikolu 30

Għajnuna għall-innovazzjoni fil-qasam tal-akkwakultura

L-għajnuna għall-innovazzjoni fil-qasam tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 31

Għajnuna għall-investimenti produttivi fil-qasam tal-akkwakultura

L-għajnuna għall-investimenti produttivi fil-qasam tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

▼B

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 48 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 32

Għajnuna għas-servizzi ta' ġestjoni, sostituzzjoni u konsulenza għall-azjendi tal-akkwakultura

L-għajnuna għas-servizzi ta' ġestjoni, sostituzzjoni u konsulenza għall-azjendi tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 49 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u l-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 33

Għajnuna għall-promozzjoni tal-kapital uman u tan-netwerking fis-settur tal-akkwakultura

L-għajnuna għall-promozzjoni tal-kapital uman u tan-netwerking fis-settur tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 50 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 34

Għajnuna biex jiżdied il-potenzjal tas-siti tal-akkwakultura

L-għajnuna biex jiżdied il-potenzjal tas-siti tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

▼B

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 51 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 35

Għajnuna għall-inkoraġġiment ta' operaturi ġodda fis-settur tal-akkwakultura li jħarsu l-prinċipji tal-akkwakultura sostenibbli

L-għajnuna għall-inkoraġġiment ta' operaturi ġodda fis-settur tal-akkwakultura li jħarsu l-prinċipji tal-akkwakultura sostenibbli li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 36

Għajnuna għall-konverżjoni għal skemi tal-immaniġġjar tal-ambjent u tal-awditjar u għall-akkwakultura organika

L-għajnuna għall-konverżjoni għal skemi tal-immaniġġjar tal-ambjent u tal-awditjar u għall-akkwakultura organika li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 53 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 37

Għajnuna għall-akkwakultura li tipprovdi servizzi ambjentali

L-għajnuna għall-akkwakultura li tipprovdi servizzi ambjentali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

▼B

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 54 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 38

Għajnuna għall-miżuri tas-saħħa pubblika

L-għajnuna għall-miżuri tas-saħħa pubblika li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 39

Għajnuna għall-miżuri marbutin mas-saħħa u l-benesseri tal-annimali

L-għajnuna għall-miżuri marbutin mas-saħħa u l-benesseri tal-annimali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108 (3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 56 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 40

Għajnuna għall-assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura

L-għajnuna għall-assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 57 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

▼B

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

TAQSIMA 3

Miżuri relatati mal-kummerċjalizzazzjoni u mal-ipproċessar

Artikolu 41

Għajnuna għall-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni

L-għajnuna għall-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 42

Għajnuna għall-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura

L-għajnuna għall-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

TAQSIMA 4

Kategoriji oħra tal-għajnuna

Artikolu 43

Għajnuna għall-ġbir tad-dejta

L-għajnuna għall-ġbir tad-dejta li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu sakemm:

▼B

(a) l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014; u

(b) l-ammont tal-għajnuna ma jkunx jaqbeż, fl-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa tiegħu, l-intensità massima tal-għajnuna pubblika stipulata fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 95(5) tiegħu.

Artikolu 44

Għajnuna biex tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali

1. L-iskemi tal-għajnuna biex jagħmlu tajjeb għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(2)(b) tat-Trattat u għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta dawn ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. L-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu għandha tingħata bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru trid tkun irrikonoxxiet formalment it-tip ta' avveniment bħala diżastru naturali; u

(b) jrid ikun hemm rabta kawżali diretta bejn id-diżastru naturali u d-dannu li l-impriża tkun sofriet.

3. L-għajnuna għandha titħallas direttament lill-impriża kkonċernata.

4. L-iskemi tal-għajnuna relatati ma' diżastru naturali speċifiku għandhom jiġu stabbiliti fi żmien tliet snin minn meta jkun seħħ id-diżastru naturali. L-għajnuna għandha titħallas fi żmien erba' snin minn dik id-data.

5. L-ispiża eliġibbli għandha tkun id-dannu mġarrab bħala konsegwenza diretta tad-diżastru naturali, hekk kif stmat jew minn awtorità pubblika, jew minn espert indipendenti rrikonoxxut mill-awtorità awtorizzanti jew minn impriża tal-assigurazzjoni. Dak id-dannu jista' jinkludi dan li ġej:

(a) id-dannu materjali lil assi bħall-bini, it-tagħmir, il-makkinarju, l-istokkijiet u l-mezzi tal-produzzjoni;

(b) it-telf ta' dħul minħabba s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-attività għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur minn meta jseħħ id-diżastru.

6. Il-kalkolu tad-dannu materjali għandu jkun ibbażat fuq l-ispiża għat-tiswijiet tal-assi affettwati jew fuq il-valur ekonomiku tagħhom qabel id-diżastru. Dan l-ammont m'għandux jaqbeż l-ispiża għat-tiswijiet jew it-tnaqqis fil-valur ekwu tas-suq ikkawżat mid-diżastru, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-proprjetà eżatt qabel id-diżastru u eżatt wara.

7. It-telf ta' dħul għandu jiġi kkalkulat billi jitnaqqas:

▼B

(a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mmanifatturati fis-sena tad-diżastru naturali, jew f'kull sena sussegwenti milquta mill-qerda totali jew parzjali tal-mezzi tal-produzzjoni, mal-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena;

(b) mir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mmanifatturati fit-tliet snin qabel ma seħħ id-diżastru naturali jew tal-kwantità medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-ħames snin ta' qabel ma seħħ id-diżastru, minbarra l-ogħla entrata u l-inqas waħda, mal-prezz medju tal-bejgħ miksub.

8. Id-dannu għandu jiġi kkalkulat għal kull benefiċjarju individwali.

9. L-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor li wieħed jirċievi bħala kumpens għad-dannu, inklużi l-pagamenti taħt il-poloz tal-assigurazzjoni, għandhom jiġu limitati għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

Artikolu 45

Eżenzjonijiet u tnaqqis mit-taxxa skont id-Direttiva 2003/96/KE

1. Għajnuna fil-forma ta' eżenzjonijiet jew tnaqqis mit-taxxa adottati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 15(1)(f) u l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2003/96/KE għandha tkun kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) u eżentata mir-rekwiżit tan-notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 2003/96/KE u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament huma ssodisfati.

2. Il-benefiċjarji tal-eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa għandhom jiġu magħżula abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi. Fejn xieraq, huma għandhom iħallsu mill-inqas il-livell minimu ta' tassazzjoni rispettiv li huwa stipulat fid-Direttiva 2003/96/KE.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 46

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-għajnuna individwali mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, jekk l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9.

2. Kwalunkwe għajnuna mogħtija qabel l-1 ta' Lulju 2014 bis-saħħa ta' kwalunkwe regolament adottat skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 li kien fis-seħħ qabel għandha tkun kompatibbli mas-suq intern u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

3. Kwalunkwe għajnuna li mhijiex eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat bis-saħħa ta' dan ir-Regolament jew ta' regolamenti oħrajn adottati skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 li kienu fis-seħħ qabel għandha tiġi vvalutata mill-Kummissjoni skont l-oqfsa, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi rilevanti.

▼B

4. Fi tmiem il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament, kwalunkwe skema tal-għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament għandha tibqa' eżentata matul perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur.

Artikolu 47

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015.

▼M1

Għandu japplika sal-31 ta’ Diċembru 2022.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

ID-DEFINIZZJONI TA' SME

Artikolu 1

Intrapriża

Kull entità li twettaq attività ekonomika titqies li hi intrapriża, irrispettivament mill-forma legali tagħha. L-intrapriżi jinkludu, b'mod partikolari, il-persuni li jaħdmu għal rashom u n-negozji tal-familja involuti fi snajja' jew attivitajiet oħrajn, u s-sħubiji jew l-assoċjazzjonijiet li jwettqu regolarment xi attività ekonomika.

Artikolu 2

L-għadd ta' persunal u l-limiti finanzjarji li jiddeterminaw il-kategoriji tal-intrapriżi

1. Il-kategorija ta' mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u medji ("SMEs") hija magħmula minn intrapriżi li jħaddmu anqas minn 250 persuna u li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx il-50 miljun Euro, u/jew total annwali tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx it-43 miljun Euro.

2. Fil-kategorija tal-SMEs, intrapriża żgħira hija intrapriża li timpjega anqas minn 50 persuna u li għandha fatturat annwali u/jew total annwali tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx l-10 miljun Euro.

3. Fil-kategorija tal-SMEs, mikrointrapriża hija intrapriża li tħaddem anqas minn 10 persuni u li għandha fatturat annwali u/jew total annwali tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx iż-2 miljun Euro.

Artikolu 3

Tipi ta' intrapriżi meqjusin fil-kalkolu tal-għadd ta' impjegati u tal-ammonti finanzjarji

1. "Intrapriża awtonoma" hija kull intrapriża li mhix ikklassifikata bħala intrapriża msieħba skont it-tifsira tal-paragrafu 2 jew bħala intrapriża assoċjata skont it-tifsira tal-paragrafu 3.

2. "Intrapriżi msieħba" huma l-intrapriżi kollha li mhumiex ikklassifikati bħala intrapriżi assoċjati skont it-tifsira tal-paragrafu 3 u li bejniethom hemm ir-relazzjoni li ġejja: intrapriża (intrapriża upstream) ikollha, waħedha jew flimkien ma' intrapriża assoċjata waħda oħra jew aktar, skont it-tifsira tal-paragrafu 3, 25 % jew aktar mill-kapital jew mid-drittijiet tal-vot ta' intrapriża oħra (intrapriża downstream).

Madankollu, intrapriża tista' tiġi kklassifikata bħala awtonoma, u għalhekk bħala intrapriża li m'għandha l-ebda intrapriża msieħba, anke jekk dan il-limitu ta' 25 % jintlaħaq jew jinqabeż mill-investituri li ġejjin, dment li dawk l-investituri ma jkunux assoċjati mal-intrapriża inkwistjoni jew individwalment jew b'mod konġunt, skont it-tifsira tal-paragrafu 3:

(a) il-korporazzjonijiet ta' investiment pubbliku, il-kumpaniji b'kapital ta' riskju u l-individwi jew il-gruppi ta' individwi b'attività regolari ta' investiment fil-kapital ta' riskju li jinvestu l-kapital ta' ekwità f'negozji mhux ikkwotati (l-investituri informali), jekk kemm-il darba l-investiment totali ta' dawk l-investituri informali fl-istess intrapriża jkun ta' anqas minn EUR 1 250 000;

▼B

(b) l-universitajiet jew iċ-ċentri ta' riċerka mingħajr skop ta' qligħ;

(c) l-investituri istituzzjonali, li jinkludu l-fondi għall-iżvilupp reġjonali;

(d) l-awtoritajiet lokali awtonomi li għandhom baġit annwali ta' anqas minn EUR 10 miljun u li għandhom anqas minn 5 000 abitant fir-reġjun tagħhom.

3. "Intrapriżi assoċjati" huma intrapriżi li għandhom xi waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom:

(a) intrapriża waħda jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

(b) intrapriża waħda jkollha d-dritt taħtar jew tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, ta' ġestjoni jew ta' sorveljanza ta' intrapriża oħra;

(c) intrapriża waħda għandha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet fih ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha;

(d) intrapriża li tkun azzjonista f'intrapriża oħra jew membru tagħha waħedha tkun tikkontrolla, skont ftehim mal-azzjonisti l-oħra f'dik l-intrapriża jew mal-membri l-oħra tagħha, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

Il-preżunzjoni hija li ma teżisti l-ebda influwenza dominanti jekk l-investituri elenkati fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 ma jkunux qed jinvolvu ruħhom direttament jew indirettament fil-ġestjoni tal-intrapriża inkwistjoni, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħhom bħala azzjonisti.

L-intrapriżi li għandhom xi waħda mir-relazzjonijiet deskritti fl-ewwel subparagrafu permezz ta' intrapriża waħda oħra jew aktar, jew li għandhom xi wieħed mill-investituri msemmija fil-paragrafu 2, huma meqjusa wkoll bħala intrapriżi assoċjati.

L-intrapriżi li għandhom xi waħda minn dawn ir-relazzjonijiet jew aktar permezz ta' persuna fiżika jew ta' grupp ta' persuni fiżiċi li jaġixxu flimkien ukoll huma meqjusin bħala intrapriżi assoċjati jekk iwettqu l-attività tagħhom jew parti mill-attività tagħhom fl-istess suq rilevanti jew fi swieq qrib.

Jitqies li hu "suq qrib" is-suq għall-prodotti jew is-servizzi li jinsab direttament upstream jew downstream mis-suq rilevanti.

4. Barra mill-każijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, intrapriża ma tistax titqies bħala SME jekk 25 % jew aktar mill-kapital jew mid-drittijiet tal-vot tagħha jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati, b'mod konġunt jew b'mod individwali, minn korp wieħed pubbliku jew aktar.

5. L-intrapriżi jistgħu jiddikjaraw l-istatus tagħhom bħala intrapriża awtonoma, intrapriża msieħba jew intrapriża assoċjata, inkluża d-dejta dwar il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 2. Din id-dikjarazzjoni tista' ssir anki jekk il-kapital ikun mifrux b'tali mod li ma jkunx jista' jiġi stabbilit eżattament f'idejn min jinsab, f'liema każ l-intrapriża tista' tiddikjara in *bona fede* li tista' tissoponi b'mod leġittimu li 25 % tal-kapital tagħha jew aktar mhuwiex il-proprjetà ta' impriża waħda, jew mhuwiex proprjetà konġunta ta' impriżi assoċjati ma' xulxin. Dawn id-dikjarazzjonijiet isiru mingħajr ħsara għall-kontrolli u l-investigazzjonijiet previsti fir-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni.

Artikolu 4

Dejta użata għall-għadd ta' persunal u l-ammonti finanzjarji u l-perjodu ta' referenza

1. Id-dejta li għandha tiġi applikata għall-kalkolu tal-għadd ta' persunal u tal-ammonti finanzjarji hija dik li tirrigwarda l-aħħar perjodu kontabilistiku approvat u din tiġi kkalkulata fuq bażi annwali. Din tiġi kkunsidrata mid-data tal-għeluq tal-kontijiet. L-ammont magħżul għall-fatturat huwa kkalkulat mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT) u taxxi indiretti oħrajn.

▼B

2. Meta, fid-data tal-għeluq tal-kontijiet, intrapriża ssib li, fuq bażi annwali, tkun qabżet il-limiti tan-numru tal-impjegati jew il-limiti finanzjarji ddikjarati fl-Artikolu 2 jew tkun niżlet taħthom, dan ma jirriżultax fit-telf jew fl-akkwist tal-istatus ta' intrapriża ta' daqs medju jew żgħir jew ta' mikrointrapriża sakemm dawk il-limiti ma jinqabżux fuq żewġ perjodi kontabilistiċi konsekuttivi.

3. Fil-każ ta' intrapriżi li jkunu għadhom kif twaqqfu u li l-kontijiet tagħhom ikunu għadhom ma ġewx approvati, id-dejta li għandha tiġi applikata għandha tittieħed minn stima magħmula in *bona fede* matul is-sena finanzjarja.

Artikolu 5

L-għadd ta' persunal

L-għadd ta' persunal jikkorrispondi mal-għadd ta' unitajiet annwali tax-xogħol (AWU), jiġifieri l-għadd ta' persuni li ħadmu full-time fl-intrapriża inkwistjoni jew f'isimha matul is-sena kollha ta' referenza li tkun qed titqies. Ix-xogħol tal-persuni li ma jkunux ħadmu s-sena kollha, ix-xogħol ta' dawk li jkunu ħadmu part-time, irrispettivament minn kemm ħadmu, u x-xogħol tal-ħaddiema staġjonali jingħaddu bħala frazzjonijiet tal-AWU. Il-persunal jikkonsisti minn dawn li ġejjin:

(a) l-impjegati;

(b) il-persuni li jaħdmu għall-intrapriża li jaqgħu taħtha u li jitqiesu bħala impjegati tagħha skont il-liġi nazzjonali;

(c) is-sidien maniġers; u

(d) l-imsieħba li jwettqu attività regolari fl-intrapriża u li jibbenefikaw minn vantaġġi finanzjarji mill-intrapriża.

L-apprendisti jew l-istudenti li jkunu qed jagħmlu taħriġ vokazzjonali skont kuntratt ta' apprendistat jew ta' taħriġ vokazzjonali mhumiex inklużi bħala parti mill-persunal. It-tul ta' żmien tal-liv tal-maternità jew tal-ġenituri ma jingħaddx.

Artikolu 6

L-istabbiliment tad-dejta ta' intrapriża

1. Fil-każ ta' intrapriża awtonoma, id-dejta, inkluż l-għadd ta' persunal, tiġi ddeterminata esklussivament abbażi tal-kontijiet ta' dik l-intrapriża.

2. Id-dejta, inkluż l-għadd ta' persunal, ta' intrapriża li għandha intrapriżi msieħba jew intrapriżi assoċjati magħha, tiġi ddeterminata abbażi tal-kontijiet jew ta' dejta oħra tal-intrapriża, jew, fejn ikunu jeżistu, abbażi tal-kontijiet konsolidati tal-intrapriża, jew tal-kontijiet konsolidati li fihom l-intrapriża tkun inkluża permezz ta' konsolidament.

Mad-dejta msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiżdied id-dejta ta' kull intrapriża msieħba mal-intrapriża inkwistjoni li tkun tinsab immedjatament upstream jew downstream minnha. L-aggregazzjoni ssir b'mod proporzjonat mal-perċentwali tal-parteċipazzjoni fil-kapital jew fid-drittijiet tal-vot (skont liema minnhom ikun l-ikbar). Fil-każ ta' parteċipazzjonijiet inkroċjati, għandu japplika l-akbar perċentwali minn fost dawn it-tnejn.

Mad-dejta msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu għandu jiżdied il-100 % tad-dejta ta' kwalunkwe intrapriża li tkun assoċjata direttament jew indirettament mal-intrapriża inkwistjoni, meta dik id-dejta ma tkunx diġà ġiet inkluża fil-kontijiet permezz tal-konsolidament.

▼B

3. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2, id-dejta tal-intrapriżi msieħba mal-intrapriża inkwistjoni għandha tittieħed mill-kontijiet tagħhom u mid-dejta l-oħra tagħhom, ikkonsolidata jekk tkun teżisti. Ma' dawn għandu jiżdied il-100 % tad-dejta tal-intrapriżi li jkunu assoċjati ma' dawn l-intrapriżi msieħba, dejjem jekk id-dejta tal-kontijiet tagħhom ma tkunx diġà ġiet inkluża permezz tal-konsolidament.

Biex jiġi applikat l-istess paragrafu 2, id-dejta tal-intrapriżi li huma assoċjati mal-intrapriża inkwistjoni għandha tittieħed mill-kontijiet tagħhom u mid-dejta l-oħra tagħhom, ikkonsolidata jekk tkun teżisti. Ma' dawn għandha tiżdied, b'mod proporzjonat, id-dejta ta' kwalunkwe impriża msieħba possibbli ta' dik l-impriża assoċjata li tkun tinsab immedjatament upstream jew downstream minnha, sakemm din id-dejta ma tkunx diġà ġiet inkluża fil-kontijiet konsolidati b'perċentwali li jkun mill-inqas proporzjonat mal-perċentwali identifikat skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2.

4. Meta fil-kontijiet konsolidati ma tkun tidher l-ebda dejta dwar l-impjegati ta' intrapriża partikolari, iċ-ċifri tal-impjegati għandhom jiġu kkalkulati billi tiġi aggregata b'mod proporzjonat id-dejta mill-intrapriżi msieħba tagħha u billi tiżdied id-dejta mill-intrapriżi li magħhom l-intrapriża inkwistjoni tkun assoċjata.

▼B

ANNESS II

Informazzjoni dwar għajnuna mill-Istat eżentata skont il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li għandha tiġi pprovduta permezz tal-applikazzjoni stabbilita tal-IT tal-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 11

Referenza tal-għajnuna	*(għandha timtela mill-Kummissjoni)*	
Stat Membru	.....	
Numru ta' referenza tal-Istat Membru	.....	
Reġjun	**Isem ir-reġjun(i) (*NUTS* ([1]))**	....
Awtorità awtorizzanti	**Isem**	.....
	Indirizz postali **Indirizz tal-internet**	....
Titlu tal-miżura ta' għajnuna	.....	
Bażi legali nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali rilevanti)	....	
Ħolqa tal-internet għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna	.....	
Tip ta' miżura	☐ **Skema**	
	☐ ***Għajnuna ad hoc***	**Isem il-benefiċjarju u l-grupp ([2]) li jappartjeni għalih** ....
Emenda ta' skema tal-għajnuna eżistenti jew tal-għajnuna *ad hoc*		**In-numru ta' referenza attribwit mill-Kummissjoni għall-għajnuna**
	☐ **Prolungament**	....
	☐ **Emenda**	....

([1]) NUTS - Il-klassifikazzjoni komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika. Tipikament, ir-reġjun jiġi speċifikat fil-livell 2.

([2]) Għall-finijiet tar-regoli dwar il-kompetizzjoni stabbiliti fit-Trattat u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, intrapriża hija kwalunkwe entità li tkun qed twettaq attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod kif din tkun iffinanzjata. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-entitajiet li huma kkontrollati (fuq bażi legali jew fuq bażi *de facto*) mill-istess entità għandhom jitqiesu bħala intrapriża waħda.

▼B

Tul ta' żmien ([3])	☐ **Skema**	Minn jj/xx/ssss **sa** jj/xx/ssss
Data tal-għotja tal-għajnuna	☐ ***Għajnuna ad hoc***	jj/xx/ssss
Settur(i) ekonomiku(/ċi) kkonċernat(i)	☐ **Is-setturi ekonomiċi kollha li huma eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna**	
	☐ **Limitata għal ċerti setturi: Jekk jogħġbok speċifikahom fil-livell tal-grupp tan-NACE** ([4])	....
Tip ta' benefiċjarju	☐ **SME**	
	☐ **Intrapriżi kbar**	
Baġit	**Ammont annwali totali tal-baġit ippjanat skont l-iskema** ([5])	**Munita nazzjonali ..... (f'ammonti sħaħ)** .....
	Ammont totali tal-għajnuna *ad hoc* mogħtija lill-intrapriża ([6])	**Munita nazzjonali ..... (f'ammonti sħaħ)** .....
	☐ **Għall-garanziji** ([7])	**Munita nazzjonali ..... (f'ammonti sħaħ)** .....
Strument tal-għajnuna	☐ **Għotja/Sussidju tar-rata tal-imgħax**	
	☐ **Self/Ħlasijiet bil-quddiem li jitħallsu lura**	
	☐ **Garanzija (fejn ikun xieraq b'referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni** ([8])**)**	
	☐ **Benefiċċju fuq it-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa**	
	☐ **Strumenti oħrajn (jekk jogħġbok speċifika):** ..... **Indika f'liema kategorija wiesgħa t'hawn taħt joqgħod l-iktar l-istrument tal-għajnuna f'termini tal-effett/il-funzjoni tiegħu:** ☐ **Għotja** ☐ **Self** ☐ **Garanzija** ☐ **Benefiċċju fuq it-taxxa**	

([3]) Il-perjodu li matulu l-awtorità awtorizzanti tista' timpenja ruħha li tagħti l-għajnuna.
([4]) NACE Rev. 2 - Il-klassifikazzjoni statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea. Tipikament, is-settur jiġi speċifikat fil-livell tal-grupp.
([5]) Fil-każ ta' skema tal-għajnuna, indika l-ammont totali annwali tal-baġit ippjanat fil-kuntest tal-iskema jew it-telf ta' taxxa stmat għal kull sena għall-istrumenti kollha tal-għajnuna li hemm fl-iskema.
([6]) Fil-każ ta' għotja tal-għajnuna *ad hoc*, indika l-ammont totali tal-għajnuna/tat-taxxa mitlufa.
([7]) Għall-garanziji, indika l-ammont (massimu) ta' self garantit.
([8]) Fejn ikun xieraq, għandha ssir referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-metodoloġija għall-kalkolu tal-ammont ekwivalenti għall-għotja grossa, skont l-Artikolu 5(2)(c).

▼B

Indika liema Artikolu mill-Artikoli 13 sa 45 huwa użat	☐ lista ta' Artikoli
Għajnuna biex tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali (l-Artikolu 44)	**Tip ta' diżastru naturali:** ☐ terremot ☐ valanga ☐ uqigħ tal-art ☐ għargħar ☐ tromba tal-arja ☐ uragan ☐ eruzzjoni vulkanika ☐ nirien fil-foresti **Id-data meta seħħ id-diżastru naturali** Minn jj/xx/ssss sa jj/xx/ssss
Raġuni	**Indika r-raġuni għaliex ġiet stabbilita skema ta' għajnuna mill-Istat jew għaliex ingħatat l-għajnuna *ad hoc*, minflok ma ngħatat assistenza fil-kuntest tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (l-FEMS):** ☐ il-miżura mhix koperta mill-programm operattiv nazzjonali; ☐ kien hemm prijoritizzazzjoni fl-allokazzjoni tal-fondi fil-kuntest tal-programm operattiv nazzjonali; ☐ ma kienx għadu disponibbli l-finanzjament fil-kuntest tal-FEMS; ☐ oħrajn (jekk jogħġbok speċifika).

▼B

ANNESS III

Dispożizzjonijiet għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1)

L-Istati Membri għandhom jorganizzaw il-websajts komprensivi tagħhom dwar l-għajnuna mill-Istat li fuqhom ikunu se jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1) b'tali mod li jkun hemm aċċess faċli għal din l-informazzjoni.

L-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata bħala dejta fi spreadsheet, pereżempju fil-format CSV jew XML. Dan jippermetti li jkun hemm tiftix, estrazzjoni u pubblikazzjoni faċli tad-dejta fuq l-Internet. Kull parti interessata għandha tingħata aċċess għall-websajt mingħajr restrizzjoni. Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda reġistrazzjoni tal-utent minn qabel biex tiġi aċċessata l-websajt.

Għandha tiġi ppubblikata l-informazzjoni li ġejja dwar l-għotjiet ta' għajnuna individwali kif stipulat fl-Artikolu 9(1)(c):

— Isem il-benefiċjarju

— L-identifikatur tal-benefiċjarju

— It-tip ta' intrapriża (SME/intrapriża kbira) fid-data tal-għoti tal-għajnuna

— Ir-reġjun fejn jinsab il-benefiċjarju, fil-livell II tan-NUTS ([1])

— Is-settur ta' attività fil-livell tal-grupp NACE ([2])

— L-element tal-għajnuna, mogħti bħala ammont sħiħ fil-munita nazzjonali ([3])

— L-istrument tal-għajnuna ([4]) (għotja/sussidju tar-rata tal-imgħax, self/ħlasijiet bil-quddiem li jitħallsu lura/għotja rimborsabbli, garanzija, benefiċċju fuq it-taxxa jew eżenjoni mit-taxxa, strumenti oħrajn (jekk jogħġbok speċifika))

— Id-data tal-għotja tal-għajnuna

— L-għan tal-għajnuna

— L-awtorità awtorizzanti

([1]) NUTS — Il-klassifikazzjoni komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika. Tipikament, ir-reġjun jiġi speċifikat fil-livell 2.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 dwar il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (ĠU L 293, 24.10.1990, p. 1).

([3]) L-ammont li huwa ekwivalenti għall-għotja grossa. Għall-iskemi fiskali, dan l-ammont jista' jingħata skont il-firxiet stabbiliti fl-Artikolu 9(2).

([4]) Jekk l-għajnuna tingħata permezz ta' diversi strumenti tal-għajnuna, l-ammont tal-għajnuna għandu jingħata għal kull strument.